# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 158/2016/VG**

**GO plc [C-22334]**

**Vs**

**Darren Richard Dean**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-29 ta' April, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf sitt mija tnejn u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,672.41c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1672.41) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement (Home Pack) flimkien ma PC With Home Pack Bundle Agreement fuq kont bin-numru 40095353.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqa ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Maryanne Camilleri, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf sitt mija tnejn u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,672.41c] in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement (Home Pack) flimkien ma PC With Home Pack Bundle Agreement fuq kont bin-numru 40095353.

Ikkunsidra;

2. Maryanne Camilleri kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

   *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf sitt mija tnejn u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,672.41c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba u cioe mid-29 ta' April, 2016 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**